MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**ALBERT J. MAGRI**

**ONOR. IMHALLEF**
**TONIO MALLIA**

Seduta tat-30 ta' April, 2009

Appell Civili Numru. 366/2003/1

**Raymond Azzopardi.**

**v.**

**Fanu Mifsud & Sons Limited u Jason Mifsud.**

**Il-Qorti:**

**Preliminari:**

B'citazzjoni pprezentata quddiem il-Prim Awla tal-Qorti Civili datata 9 ta' April 2003 gie premess illi l-konvenuti

huma debituri tal-attur fis-somma ta’ tmint elef lira, disa’ mija u sittin lira Maltin (Lm8,960)[1] rapprezentanti prezz ta’ tigieg ghal konsum tal-ikel, mibjugh u kkonsenjat lill-konvenuti; illi ghalkemm interpellati sabiex ihallsu, il-konvenuti baqghu inadempjenti; illi dan id-debitu huwa cert, likwidu u dovut, u fil-fehma tal-attur il-konvenuti ma ghandhomx eccezzjonijiet x’jopponu kontra t-talbiet tal-attur; dan premess attur talab li dik il-Qorti:-

1. tiddeciedi skond it-talba bid-dispensa tas-smiegh tal-kawza ai termini tal-Artikolu 167 et sequitur tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta’ Malta; u

2. tikkundanna lill-konvenuti jhallsu lill-attur s-somma ta’ tmint elef lira, disa’ mija u sittin lira Maltin (Lm8,960), rapprezentanti prezz ta’ tigieg ghal konsum tal-ikel mibjugh u kkonsenjat lill-konvenuti. Bl-ispejjez, inkluz dawk tal-ittra legali tas-26 ta’ Marzu 2003, bl-imghax legali u b’hekk il-konvenuti jibqghu minn issa ngunti ghas-subizzjoni.

Rat il-verbal tas-seduta quddiem l-imsemmija Prim Awla datata 27 ta’ Mejju 2003 fejn dehret Dr. Graziella Bezzina ghall-attur u deher wkoll il-konvenut Jason Mifsud u l-avukat tieghu Dr. Robert Tufigno ghan-nom tal-konvenuti, li nforma lill-Qorti li kellu zewg eccezzjoni x’jissolleva, wahda li Jason Mifsud m’ghandux relazzjoni guridika ma’ l-attur u l-ohra bbazata fuq novazzjoni u in vista ta’ dan dik il-Qorti ddikjarat li l-konvenuti *prima facie* kellhom eccezzjonijiet validi x’iressqu, u ghalhekk cahdet it-talba attrici abbazi tal-Artikolu 167 tal-Kap 12 u awtorizzat lill-konvenuti jipprezentaw nota ta’ eccezzjonijiet fi zmien ghoxrin gurnata mid-data tas-seduta.

B’nota pprezentata fis-27 ta’ Mejju 2003 (fol. 11) il-konvenuti Fanu Mifsud & Sons Limited u Jason Mifsud eccepew:-

1. illi Jason Mifsud ma ghandu ebda relazzjoni guridika ma’ l-attur; u

---

[1] Illum €20,871.19

2. li Fanu Mifsud & Sons Limited ma ghandha taghti xejn lill-attur stante illi d-debitu *de quo* thallas ghas-saldu billi l-attur inghata kreditu minghand Polidano Bros Limited ghax-xiri ta' materjal minghandhom u dan ghas-saldu tad-debitu li kien dovut mis-socjeta` konvenuta.

**Is-sentenza appellata.**

Il-Prim Awla tal-Qorti Civili ddisponiet minn din il-vertenza b'sentenza moghtija fit-30 ta' Novembru, 2006 bil-mod segwenti:
"Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, taqta' u tiddeciedi, billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenuti biss in kwantu l-istess huma inkompatibbli ma' dak hawn premess u deciz, tilqa' t-talba attrici biss fis-sens hawn premess b'dan illi:-

"2. Tikkundanna lill-konvenuti jhallsu lill-attur s-somma ta' tmint elef, disa' mija u sittin lira Maltin (Lm8,960), rapprezentanti prezz ta' tigieg ghal konsum tal-ikel mibjugh u kkonsenjat lill-konvenuti.

"Bl-ispejjez, inkluz dawk tal-ittra legali tas-26 ta' Marzu 2003, bl-imghax legali mid-data tas-26 ta' Marzu 2003 sal-effettiv pagament kontra l-konvenuti."
U dana wara li ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

"Illi din hija kawza fejn l-attur qed jallega li ghandu jiehu minghand il-konvenuti s-somma ta' Lm8,960 rappresentanti prezz ta' tigieg ghall-konsum tal-ikel, mibjugha u kkonsenjati minnu lill-konvenuti.

"Illi mill-provi prodotti jirrizulta li dan il-bejgh kien sar mal-konvenut u dan kemm f'ismu proprju u kemm ghan-nom tas-socjeta` konvenuta u dan kif jidher anke ammess mix-xhieda tal-konvenut stess migjub in subizzjoni fid-data tal-1 ta' Gunju 2004, fejn hemm sahansitra jghid li l-kontijiet li kienu dovuti kienu jithallsu kemm b'cekkijiet tas-socjeta` konvenuta stess u kif ukoll minnu nnifsu permezz ta' flus kontanti u b'hekk din il-Qorti thoss li ma hemm l-ebda dubju li l-ewwel eccezzjoni tal-konvenut fil-kwalita' tieghu

personali ghandha tigi michuda. Jigi nnutat li fuq din l-ewwel eccezzjoni l-konvenuti lanqas jghidu xejn fin-nota ta' osservazzjonijiet taghhom. Min-naha l-ohra jinghad ukoll li s-socjeta` konvenuta da parte taghha qatt ma qalet li ma kienitx parti fin-negozju ma' l-attur.

"Illi ghalhekk jibqa' biex jigi deciz il-punt sollevat fit-tieni eccezzjoni tal-konvenuti u cjoe' jekk l-iskrittura tat-13 ta' Novembru 2002 bejn l-attur u Jason Mifsud li ffirma ghan-nom tas-socjeta` Raise Fields Construction Limited (li ma hijiex parti fil-kawza) tikkostitwixix novazzjoni ai termini tal-ligi.

"Illi n-novazzjoni hija deskritta mit-**Torrente** b'dan il-mod :-

"La novazione …..e' un contratto con il quale i soggetti di un rapporto obligatorio sostituiscono un nuovo rapporto a duello originario".

"Illi din in-novazzjoni tista' ssir ai termini tal-**artikolu 1179 tal-Kap 16** billi:-

*(a)* "meta d-debitur jaghmel mal-kreditur tieghu dejn gdid, u dan jigi mqieghed flok il-qadim, li jispicca;

*(b)* meta id-debitur il-gdid jigi mqieghed flok il-qadim, illi jigi mehlus mill-kreditur;

*(c)* meta, bis-sahha ta' obbligazzjoni gdida, kreditur gdid jigi mqieghed flok il-qadim, li lejh id-debitur jigi mehlus".

"Illi mill-artikoli sussegwenti ghall-istess jinghad ukoll li:-

**Artikolu 1180 (2)** - "In novazzjoni ma hijiex prezunta; l-intenzjoni li ssir ghandha tidher bic-car".

**Artikolu 1180 (1)** - "Ma hemmx novazzjoni jekk l-obbligazzjoni qadima ma tigix maqtula, ghalkemm tigi mbiddla".

**Artikolu 1180 (2)** - "It-tismija wahidha, maghmula mid-debitur, ta' persuna li ghandha thallas minfloku, ma ggibx in-novazzjoni".

**Artikolu 1183**. - "Id-delegazzjoni li biha d-debitur jaghti lill-kreditur tieghu debitur iehor, illi jintrabat lejn dan il-kreditur, ma ggibx novazzjoni, jekk il-kreditur ma jkunx iddikjara espressament il-volonta' tieghu li jehles lid-debitur li jkun ghamel id-delegazzjoni".

"Illi kif inghad fis-sentenza "**Anthony Galea vs Mario Hallett proprju et nomine**" (P.A. (RCP) 28 ta' Gunju 2001) minn dan kollu jirrizulta car li n-novazzjoni ma tistax tigi prezunta, u dan ghaliex bazikament in-novazzjoni tikkostitwixxi rinunzja tad-drittijiet tal-kreditur ghall-obbligazzjoni ohra u "il est de principe que les renonciations ne se presument pas" (**Carbonnier**) tant li "la volonta' di estinguere l'obligazione precedente (animus novandi), che puo' risultare come ogni dichiarazione di volonta', anche tacitamente, per facta concludentia".

"Illi ghalhekk skond l-istess massimi fuq indikati nghad fil-kawza fl-ismijiet "**Antonio Sammut vs Antonio Mifsud**" (A.K. 14 ta' Settembru 1943) li:-

"Il-kwistjoni kollha qieghda taggira ruhha jekk l-obbligazzjoni antika bejn il-partijiet gietx estinta u ghalhekk saritx novazzjoni".

"Illi fil-kawza "**Franco Busuttil noe vs Anthony Mallia**" (K. (JDC) 25 ta' Marzu 1993) insibu li l-istess Qorti qalet:-

"Illi skond il-ligi **(artikolu 1180 (2) Kodici Civili, Kap 16)** in-novazzjoni qatt ma tista' tkun prezunta. Ghall-kuntrarju l-intenzjoni li ssir novazzjoni ghandha tirrizulta bic-car ghalkemm ma hemmx bzonn li jintuzaw kliem jew formoli specjali. Hemm ukoll li jkun hemm inkompatibbilta' bejn iz-zewgt' obbligazzjonijiet u fid-dubju n-novazzjoni ghandha tigi eskluza. (Ara Kollez. Vol. XXX.I.943)".

“Illi fl-iskrittura datata 13 ta’ Novembru 2002 li hija ffirmata minn Jason Mifsud ghan-nom tas-socjeta` Raise Fields Construction Limited u l-attur jinghad is-segwenti:-

“This is to confirm that you have been allowed a credit of Lm8,500 (Eight Thousand Five Hundred Liri Only) to be taken as material from Polidano Bros. Limited Hal-Farrug Road, Luqa”.

“This will be set off in full and final settlement with Fanu Mifsud & Sons Limited”.

“Illi skond l-attur din l-iskrittura saret biss ghaliex il-konvenut Jason Mifsud (u wkoll is-socjeta` konvenuta) ma kienx qed ihallas u allura l-ammont bilancjali dovut, li huwa mertu ta’ din il-kawza, kien baqa’ skopert u ghalhekk huwa kien accetta li jithallas tieghu b’materjal minghand is-socjeta` Polidano Bros. Limited; ghalih din l-iskrittura kienet biss speci ta’ credit note u allura intenzjonata biss sabiex huwa jithallas tal-ammont dovut lilu; kien lest li jimxi b’dan il-mod jekk u kieku huwa jircievi l-materjal minghand l-imsemmija socjeta`, izda l-materjal li kellu bzonn kien jikkonsisti f’xibka u hadid, li pero’ d-ditta hemm indikata ma setghatx tforni ghaliex qalet li setghet itieh biss bricks u/jew konkos, b’dan ghalhekk li l-attur baqa’ ma’ thallas xejn. Fil-fatt l-istess attur jghid hekk:-

“Illi jiena l-flus ghandi nehodhom minghand il-konvenut u mhux minghand Polidano. Illi l-“credit note” li tani ghalhekk ma fiha ebda utilita’ ghaliha u ma taqtax il-kont li l-konvenut ghandu mieghi. Jiena mort ghand il-konvenut u ghidtlu x’gara kien kellimni hazin u qalli li huwa ma kellux biex ihallas”.

“Illi dwar l-istess skrittura l-konvenut sostna li huwa kellu jiehu minghand Polidano s-somma ta’ Lm120,000 u dan ghaliex kienu jpartu bejniethom u allura kien ghamel din il-credit note minghajr ma kellem l-istess Polidano u kull ma ghamel kien biss li meta lestiha, baghat tali credit note bil-fax lil dan l-imsemmi Polidano, izda mieghu ma tkellimx ghalkemm jaf li fil-fatt tali credit note baqghet ma thallsitx.

"Illi din ix-xhieda tal-konvenut tikkonferma, jekk kien hemm aktar bzonn li jsir dan, li l-intenzjoni tal-partijiet qatt ma kienet li jkun hemm novazzjoni, izda biss li jsir il-hlas tal-ammonti dovuti lill-attur mill-konvenuti, u dan huwa wkoll ikkonfermat mill-fatt li ghall-istess konvenut l-istess skrittura kienet credit note u intiza b'hekk sabiex jigi bil-mod hemm indikat saldat l-kreditu tal-attur mieghu u mas-socjeta` konvenuta; haga li baqghet qatt ma sehhetx ghaliex s-socjeta` hemm indikata fl-istess skrittura li kellha tforni l-materjal ma kenitx lesta li taghti xibka u hadid lill-attur, u dan peress li skond ir-rapprezentanti taghha Charlotte Farrugia, l-ftehim li kien hemm ta' tpartit bejn is-socjeta` konvenuta Fanu Mifsud & Sons Limited qatt ma kien jinkludi tpartit ta' dan it-tip ta' materjal (xhieda – 7 ta' Ottubru 2004). Mhux hekk biss izda fix-xhieda tat-8 ta' Marzu 2005 l-istess xhud ikkonfermat li s-socjeta` Polidano Bros. Limited ma tfornix dan il-materjal ta' xibka u hadid, izda kienet socjeta` ohra, dik ta' Polmex Limited, li kienet taghmel dan.

"Illi din il-Qorti thoss li l-provi kollha juru li hemm nuqqas ta' novazzjoni u certament li credit note ma ghandhiex u ma tistax tigi kkonsidrata bhala novazzjoni. Hawn din il-Qorti thoss li dak li hemm fin-nota ta' osservazzjonijiet tal-attur jirrifletti l-provi prodotti u dan iktar u iktar meta wiehed jikkonferma l-insenjamenti fil-kawzi fl-ismijiet "**Franco Busuttil nomine vs Anthony Mallia**" (K. (JDC) – 25 ta' Marzu 1993) u "**Anthony Galea vs Hallet Mario proprio et nomine**" (P.A. (RCP) 28 ta' Gunju 2001) u cjoe':-

"In-novazzjoni qatt ma tista' tigi prezunta. Ghall-kuntrarju l-intenzjoni li ssir novazzjoni ghandha tirrizulta bic-car ghalkemm ma hemmx bzonn li jintuzaw kliem jew formali specjali. Hemm ukoll li jkun hemm inkompatibbilta' bejn iz-zewgt obbligazjonijiet u fid-dubju n-novazzjoni ghandha tigi eskluza".

"Illi barra minn dan jirrizulta car li l-kreditu li kellu l-attur mal-konvenuti qatt ma setgha jigi estint b'din l-imsemmija skrittura u dan ghaliex fl-istess skrittura l-konvenut lanqas biss deher personalment u wkoll lanqas deher ghan-nom

tas-socjeta` konvenuta, izda deher ghan-nom ta’ socjeta` ohra li ma hijiex parti f’din il-kawza u lanqas kienet involuta fin-negozju mertu tal-azzjoni attrici. Ghalhekk ukoll tali skrittura ma tistax tigi kkonsidrata bhala novazzjoni anke ghaliex l-istess debituri tal-attur u allura l-konvenuti odjerni ma humiex parti minnha.

“Illi dan apparti l-fatt li mill-provi prodotti hija l-opinjoni ta’ din il-Qorti li mill-istess skrittura l-intenzjoni tal-partijiet firmatarji kienet biss intenzjonata sabiex l-attur jircievi pagament ta’ dak li kien dovut lilu u qatt ma kienet l-intenzjoni li tigi estinta l-obbligazzjoni originali u li din tigi sostitwieta b’obbligazzjoni ohra; dan iktar u iktar meta l-istess skrittura ma tghid assolutament xejn dwar dan u jidher car li l-persuna li giet imsemmija li kellha tforni l-materjal, lanqas biss kienet taf bl-iskrittura meta din saret, u din tinsab ammessa mill-konvenut innifsu. Din l-interpretazzjoni qed issir anke abbazi tal-massima li n-novazzjoni ma ghandhiex tigi prezunta izda ghandha tirrizulta cara mill-intenzjoni tal-partijiet li l-ewwel obbligazzjoni tigi maqtula u li minflok din tigi sostitwita bl-obbligazzjoni gdida; din il-Qorti thoss li f’dan il-kaz certament mhux hekk gara, u dan huwa anke manifestat li saret riferenza ghall-tpacija f’kaz biss li ssir il-fornitura hemm indikata. Dan jikkonferma l-eskluzzjoni tan-novazzjoni u li l-istess skrittura kienet biss intiza sabiex il-kreditu tal-attur jigi saldat, u hawn din il-Qorti taghmel riferenza ghad-decizjonijiet “**Antonio Sammut vs Antonio Mifsud**” (A.C. 14 ta’ Settembru 1943) fejn inghad li “l-kwistjoni kollha qieghda taggira ruhha jekk l-obbligazzjoni antika bejn il-partijiet gietx estinta u ghalhekk saritx novazzjoni”, haga li assolutament ma tirrizultax li saret f’din il-kawza.

“Illi fil-fatt huwa opportun li din il-Qorti hawn tirreferi ghall-insenjament li sar fil-kawza fl-ismijiet “**Carmelo Farrugia vs Annetta Galea**” (P.A. – 11 ta’ Gunju 1959) fejn inghad li:-

“Biex ikun hemm novazzjoni bit-tbiddil tad-debitur jehtieg li d-debitur il-gdid jigi mqieghed f’lok il-qadim, u dan jigi mehlus mill-kreditur. It-tismija wehidha, maghmula mid-

debitur, ta' persuna li ghandha thallas minfloku ma ggibx in-novazzjoni, imma hu indispensabbli l-kunsens tal-kreditur, biex tigi operata n-novazzjoni; u d-delegazzjoni li biha d-debitur jaghti lill-kreditur tieghu debitur iehor li jintrabat lejn il-kreditur ma ggibx novazzjoni jekk il-kreditur ma jkunx iddikjara espressament il-volonta tieghu li jehles lid-debitur li jkun ghamel id-delegazzjoni".

"Illi applikat dan ghall-iskrittura msemmija kull ma hemm fiha hija li s-socjeta` tat credit note lill-attur sabiex jiehu materjal minghand socjeta` ohra, b'dan li jekk fil-kaz isehh, dan jigi saldat per saldo mas-socjeta` Fanu Mifsud & Sons Limited, li tindika biss li l-attur accetta li jithallas b'dak il-mod ghalhekk hemm imsemmija tpacija, li turi b'mod mill-iktar car li ma kien hemm ebda intenzjoni ta' novazzjoni, izda li l-obbligazzjoni originali baqghet tezisti u kellha tigi saldata bl-imsemmija tpacija jew set off, liema kuncett addirittura jeskludi l-element ta' novazzjoni; dan apparti li d-debitur personali u l-konvenuti lanqas biss kienu parti mill-istess skrittura ghaliex din saret ghan-nom tas-socjeta` Raise Fields Construction Limited. F'dan il-kuntest huwa wkoll relevanti r-riferenza li saret ghall-**artikolu 1183 tal-Kap 16**, gia fuq citat u ghas-sentenza ricenti "**C & B Autoparts Limited vs Caroline u Mario konjugi Spiteri**" deciza mill-Onorabbli Qorti tal-Appell fl-1 ta' Lulju 2005, abbazi ta' liema jidher li gie kkonfermat li tali delegazzjoni ta' hlas jew credit note qatt ma jistghu jwasslu sabiex ikun hemm novazzjoni jew l-estinzjoni tal-obbligazzjoni originali. Dan apparti li l-interpretazzjoni u l-esekuzzjoni tal-istess skrittura ghandhom isiru dejjem in bona fede.

"Illi dan huwa konformi ma' dak li nghad fis-sentenzi "**Nazzareno Catania vs Michael Degiorgio et**" (K. (A.M) 21 ta' Frar 1958) u "**Vincent Buhagiar nomine vs Dr. Noel Arrigo nomine et**" (P.A. (T.M) – 9 ta' Ottubru 2003) fejn gie ribadit li:-

"Biex ikun jista' jinghad li kien hemm novazzjoni, irid ikun hemm l-"animus novandi"; u l-intenzjoni li ssir novazzjoni ghandha tidher bic-car, u mhux bizzejjed l-intenzjoni ta' wahda biss mill-partijiet…….fil-kaz li l-elementi kollha ma

jirrizultawx b'mod car u univoku, in-novazzjoni ma ghandhiex tigi prezunta".

"Illi certament li dan huwa l-kaz odjern u huwa ovvju li in vista tal-premess din il-Qorti ma taqbilx ma' dak sottomess mill-konvenuti fin-nota ta' osservazzjonijiet taghhom u certament ma jirrizultax li r-relazzjoni tal-attur b'effett tal-istess skrittura kienet ma' Polidano Bros Limited, iktar u iktar meta l-attur qatt ma kellu konnessjoni ma' l-istess socjeta` u jidher car li mkien fl-istess skrittura l-konvenuti ma gew liberati mill-obbligazzjonijiet taghhom – fil-fatt lanqas biss huma parti mill-istess skrittura; jidher li l-istess skrittura tikkontempla l-estinzjoni tal-obbligazzjoni originali ukoll bil-konsenja tal-materjal, li kellu jitqies, meta jsehh, bhala tpacija ma' dak dovut mis-socjeta` konvenuta, kliem li effettivament jeskludi kull element ta' novazzjoni, u li l-istess konvenuti lanqas isemmu fin-nota ta' osservazzjonijiet taghom – mankanza li ma hijiex wahda ta' ftit importanza u lanqas unika, meta l-istess konvenuti qatt ma ghamlu riferenza ghall-fatt li l-istess skrittura giet iffirmata ghan-nom tas-socjeta Raise Fields Construction Limited, li ma kellha ebda relazzjoni ma' l-attur – dan huwa sinfikanti meta jidher dejjem ghall-istess socjeta` u s-socjeta` konvenuta l-imsemmi Jason Mifsud u jidher li hawn l-agir tal-istess konvenut ma jistax jinghad li huwa ghal kollox in bona fede. Il-kummenti f'dan ir-rigward da parte tal-attur fin-nota ta' osservazzjonijet taghhom jidhru li huma flokhom.

"Illi ghalhekk abbazi tal-premess it-tieni talba attrici ghandha tigi milqugha u l-eccezzjonijiet tal-konvenuti michuda."

**L-appell tal-konvenuti:**

Il-konvenuti hassew ruhhom aggravati bis-sentenza fuq riportata u ghalhekk b'rikors intavolat fit-18 ta' Dicembru, 2006 talbu li, ghar-ragunijiet hemm moghtija, din il-Qort joghgobha tirrevoka s-sentenza appellata u filwaqt li tilqa' l-eccezzjonijiet taghhom tichad it-talba tal-attur appellat, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-istess attur. L-attur

appellat ma pprezenta ebda risposta. L-appell gie trattat mid-difensuri tal-partijiet fl-udjenza tas-17 ta’ Marzu 2009.

**L-aggravji tal-konvenuti appellant.**

L-aggravji mressqa mill-konvenuti appellanti jikkoncernaw ic-cahda tal-eccezzjonijiet taghhom u cioe`:

a) li l-konvenut Jason Mifsud kellu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju billi personalment ma ghandu ebda relazzjoni f’dan in-negozju; u
b) li bid-dokument FM1 kienet saret novazzjoni u ghalhekk is-socjeta` konvenuta ma ghandha taghti xejn lill-attur.

**Ikkunsidrat:**

**<u>Dwar il-posizzjoni ta’ Jason Mifsud</u>.**

L-ewwel Qorti waslet biex cahdet l-eccezzjoni ta’ Jason Mifsud billi qalet hekk:
“Illi mill-provi prodotti jirrizulta li dan il-bejgh kien sar mal-konvenut u dan kemm f’ismu proprju u kemm ghan-nom tas-socjeta` konvenuta u dan kif jidher anke <u>ammess mix-xhieda tal-konvenut</u> stess migjub in subizzjoni fid-data tal-1 ta’ Gunju, 2004 fejn hemm sahansitra jghid li l-kontijiet li kienu dovuti kienu jithallsu kemm b’cekkijiet tas-socjeta` konvenuta stess u kif ukoll minnu nnifsu pemezz ta’ flus kontanti ….” (Sottolinear ta’ din il-Qorti, cioe` tal-Qorti ta’ l-Appell)

Din il-Qorti, ezaminati l-atti u partikolarment ix-xhieda tal-konvenut Jason Mifusd fuq imsemmija, ma tistax tikkondividi l-fehma tal-ewwel Qorti fir-rigward tal-posizzjoni ta’ Jason Mifsud. Fl-ewwel lok jigi osservat li l-attur fl-ebda mument ma ipprezenta xi *invoices* li juru li n-negozju in kwistjoni kien qed isir sew mas-socjeta` konvenuta kif ukoll mal-istess Jason Mifsud personalment. Inoltre minn qari akkurat tax-xhieda fuq imsemmija minn imkien ma jidher li dan Jason Mifsud ammetta li huwa kien responsabbli personalment. Kull ma jghid hu li meta l-pagamenti kienu jsiru b’cheque dawn ic-cheques kienu jinhargu mill-kumpannija u cioe` Fanu Mifsud & Sons

Limited" izda li drabi l-pagamenti kienu jsiru b'*cash* kemm minn missieru kif ukoll minnu; dan pero` bl-ebda mod ma jista' jigi interpretat li Jason Mifsud kien qed jassumi responsabbilita` personali ghad-debitu. Fl-aghar ipotezi jista' jinghad li dan, bhala terz, kien qed ihallas debitu tas-socjeta`, pero` dan ma jammontax ghall-ammissjoni li d-debitu kien tieghu personali u dan apparti l-fatt li ma hemm xejn in atti li l-flus li kienu qed jintuzaw biex jsiru xi pagamenti ma kienux tal-istess socjeta` debitrici u Jason Mifsud kien biss l-mandatarju tal-istess socjeta`. Inoltre jigi osservat li meta xhed l-attur b'affidavit a fol 19 *et seq*. tal-process huwa dejjem jirriferi ghal persuna wahda li kien qed jaghmel negozju maghha u mhux tnejn u dan, abbinat mal-fatt li l-pagamenti b'cheques kienu jsiru mis-socjeta` konvenuta, ma jhalli ebda dubju f'mohh din il-Qorti li l-attur kien qieghed dejjem jinnegozja mas-socjeta` konvenuta u mhux ukoll ma' Jason Mifsud. Finalment jinghad li l-"credit note" li tinsab a fol 14 tal-process u li tinkorpora ftehim bejn l-attur u d-debitur tieghu tghid espressament li "*This will be set off in full and final settlement with Fanu Mifsud & Sons Limited".* (sottolinear ta' din il-Qorti) u Jason Mifsud ma jissemma' xejn bhala debitur. Dan l-aggravju ghalhekk jidher gustifikat u konsegwentement l-eccezzjoni ta' Jason Mifsud ser tigi milqugha.

**Dwar in-novazzjoni.**

Jirrizulta li kumpaniji li fihom kien involut Jason Mifsud kienu jahdmu hafna ma' Polidano Group (ara fol. 37 *et seq*) u kien hemm zmien meta s-socjeta` konvenuta[2] kienet tinsab kreditrici tas-socjetajiet mmexxija minn Charles Polidano f'ammonti konsiderevoli. Is-socjeta` konvenuta kienet ukoll tinnegozja mal-attur billi kienet tixtri t-tigieg ghall-konsum – dan kienet ilha taghmlu ghal xi sentejn qabel ma nqala' dan il-kaz. F'xi zmien, kif ighid l-attur (u dan mhux kontestat mis-socjeta` konvenuta), il-pagamenti dovuti lill-attur waqghu lura b'mod li l-attur baqa' skopert ghall-ammont indikat fic-citazzjoni. Kien ghalhekk li skond l-attur "*konna ftehmna li l-kont jithallas*

[2] Jew is-socjeta` msemmija fuq il-*letter head* tad-dokument a fol. 14 – dan il-punt ma jirrizultax car bizzejjed.

*billi jiena ninghata "credit note" ghand Polidano Group, ammontanti ghal LM8,500.*" Effettivament fit-13 ta' Novembru, 2002 intlahaq ftehim bejn is-socjeta` konvenuta u l-attur liema ftehim gie redatt f'forma ta' ittra (ara. 14) fejn jinghad espressament:
"*This is to confirm that you have been allowed a credit of LM8,500 (eight thousand five hundred malta liri only) to be taken as material from Polidano Bros Limited Hal-Farrug Road, Luqa. This will be set off in full and final settlement with Fanu Mifsud & Sons Limited."*

Din l-ittra giet iffirmata minn Jason Mifsud bhala drettur, anke jekk ta' socjeta` ohra Raise Fields Construction Limited, mhux interessata fin-negozju, izda accettata mill-attur li sahansitra iffirma u stqarr hekk: "*I agree with the above: Raymond Azzopardi.*"

Ma hemmx dubju li d-debitur il-gdid, u cioe` dak sostitwit ghas-socjeta` Fanu Mifsud & Sons Limited, kien konxju tal-arrangament li kien sar u accetta d-delega li kienet qed issir lilu biex jissodisfa, bill-provvista ta' materjal, il-kreditu tal-attur odjern Raymond Azzopardi. Dan jirrizulta mix-xhieda ta' Charlotte Farrugia, *human resources manager* tas-socjeta` Polidano Bros Ltd, li sahansitra tikkonferma li Raymond Azzopardi agixxa fuq dik il-"credit note" billi mar ghand is-socjeta` Polidano Bros Limited flimkien ma' certu Cortis, sid ta' kumpannija ta' kostruzzjoni, biex dan tal-ahhar jiehu l-materjal u fl-istess hin ihallas lill-attur.

Gara, pero,` li Cortis ried li jsarraf il-credit note li kellu Azzopardi billi jakkwista "xibka u hadid" tal-kostruzzjoni, biss is-socjeta` Polidano Bros Ltd ma kinitx tipprovdi dan il-materjal u kellha biss planki, concrete u bricks billi ix-xibka u hadid kienu provvduti biss minn socjeta` ohra distinta, Polmex Limited, minkejja li din kienet ukoll proprjeta` ta' Polidano, u fi kwalunkwe kaz kienet il-policy ta' Polidano Group li din ix-xibka u hadid ma tifformax parti minn "barter" u kellha biss tigi akkwistata bi flus. Ghandu jinghad pero` li l-"credit note" kienet tikkunsidra l-akkwist ta' materjal <u>minghand Polidano Bros Ltd</u> u mhux kull materjal li l-Polidano Group kienu jistokkjaw, senjatament jekk xi materjal ikun provvdut minn socjeta`

ohra fil-Polidano Group. Ghalhekk il-ftehim li sehh fit-13 ta’ Novembru, 2002 ma kienx jiddipendi mill-ghazla tal-kreditur, attur f’din il-kawza, izda li dan jakkwista materjal li setghet tipprovdi s-socjeta` li kienet qed tassumi d-debitu.

Mill-provi kollha rizultanti jirrizulta bla ebda dubju li kien hemm ftehim bejn l-attur u s-socjeta` konvenuta li d-dejn ta’ din tal-ahhar jigi assunt minn terza persuna, li wkoll accettat id-delega maghmula lilha. Ghalhekk jista’ jinghad li sehhet in-novazzjoni billi l-elementi kollha rikjesti mil-ligi kienu jissussistu fil-mument tal-ftehim. Dana l-aggravju tas-socjeta` konvenuta appellanti, ghalhekk, jirrizulta gustifikat.

Ghar-ragunijiet fuq moghtija l-appell tal-konvenuti qed jigi akkolt u s-sentenza appellata qed tigi revokata billi qed jigu akkolti l-eccezzjonijiet sollevati mill-konvenuti u qed tigi michuda t-tieni talba attrici. L-ispejjez kemm tal-ewwel istanza kif ukoll dawk ta’ dan l-appell, fic-cirkostanzi, ghandhom jigi soportati mill-attur appellat.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------